# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 350/2014/LSO**

**Villa Fermaux Limited**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u l-PL Doreen Aquilina gew nominati b' digriet tad-19 ta' Mejju 2014 bhala Kuraturi Deputati sabiex jidhru ghas-sid jew sidien mhux maghrufa tas-sehem indiviz rimanenti ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata**

**bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf tal-kumpanija Villa Fermaux Limited (C23337) datat 25 ta' April 2014, fejn Janice Baldacchino [detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 482085(M)] tikkonferma : -

Illi permezz ta' kuntratt datat 5 ta' April 2005 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Carmelo Mangion, il-kumpanija esponenti xtrat u akkwistat minghand Malcolm David Micallef u Joan

Borg Marks, li flimkien u solidalment bejniethom bieghu u ttrasferew lill-kumpanija esponenti, il-kwota ta' 44.98% jew kwalunkwe sehem indiviz iehor u d-drittijiet ohra spettanti lill-istess vendituri, mill-intier ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496 m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta' ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street, kif indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-istess att fejn giet immarkata bl-ittra "A", kif soggetta fl-intier taghha ghac-cens annwu u perpetwu ta' 50c, illum ekwivalenti ghal €1.16, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

Illi permezz ta' kuntratt iehor datat 5 ta' April 2005 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Carmelo Mangion, il-kumpanija esponenti xtrat u akkwistat minghand Carmela *sive* Carrie Micallef, li min-naha taghha bieghet u ttrasferiet lill-kumpanija esponenti, il-kwota ta' 45.14%, jew kwalunkwe sehem indiviz iehor u kwalsiasi drittijiet ohra spettanti lill-istess venditrici, mill-intier ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada", jew, Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496 m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna, u in parti ma'

proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street, kif indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-istess att fejn giet immarkata bl-ittra "A", kif soggetta fl-intier taghha ghac-cens annwu u perpetwu ta' 50c, illum ekwivalenti ghal €1.16, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u liema ghalqa minn issa 'l quddiem se ssir referenza ghaliha bhala "l-Ghalqa".

Illi per konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq citati, il-kumpanija esponenti llum hija proprjetarja fil-kwota indiviza ta' 90.12% ta' l-Ghalqa hawn fuq deskritta.

Illi l-identita` tas-sid jew tas-sidien tal-porzjoni indiviza rimanenti fl-istess proprjeta` m'hijiex maghrufa.

Illi l-kumpanija esponenti ma tixtieqx tibqa' fi stat ta' komunjoni ta' proprjeta` ta' l-Ghalqa.

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

Illi Janice Baldacchino, debitament awtorizzata tirrapprezenta lill-kumpanija esponenti fi proceduri gudizzjarji, tikkonferma li taf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant il-kumpanija esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddeciedi u tiddikjara li l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, minn liema porzjon art illum jghaddu Triq Liedna u Stocks Street, tappartjeni lill-kontendenti indivizament;

2 Tistabbilixxi l-kwota appartenenti lil kull wiehed mill-kontendenti mill-Ghalqa;

3. Tiddeciedi u tiddikjara li l-Ghalqa hija komodament divizibbli u ghalhekk ghandha tigi diviza bejn il-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom, *occorrendo previa* l-opera ta' periti nominandi;

4. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun u kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq dak l-att, u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att ta' divizjoni;

5. Fl-eventwalita' li jigi deciz li l-Ghalqa m'hijiex komodament divizibbli, tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni ta' l-Ghalqa, previa l-opera ta' periti nominandi sabiex jistmaw l-istess Ghalqa;

6. Taghti dawk l-ordnijiet u d-direttivi kollha necessarji, inkluz l-ghazla ta' jum, hin, lok u l-hatra ta' rkantatur, sabiex isir il-bejgh b' licitazzjoni ordnat bis-sahha tat-talba precedent, u dan kollu previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-kumpanija Villa Fermaux Limited datat 25 ta' April 2014 a fol 25 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimati; u l-Qorti kif diversament presejduta nnominat lill-Avukat Dr Joseph Ellis u lill-PL Doreen Aquilina kif jidher bid-digriet moghti fid-19 ta' Mejju 2014 (fol 22).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Gunju 2014.

Rat ir-risposta datata 26 ta' Gunju 2014 (fol 54) tal-konvenuti Dr. Joseph Ellis (Karta tal-Identita': 21763(G)) fil-kwalita` tieghu ta' kuratur deputat sabiex jidher ghas-sid jew sidien mhux maghrufa tas-sehem indiviz rimanenti ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikati bhala f' Hal Tarxien, fil-kontrada tal-Fugra imlaqqma bhala "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem ekwivalenti ghal 4,496m.k. konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Cristopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux

maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street :

Jeccepixxi bil-qima:

1. Illi huwa fl-kwalita` tieghu ta' kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lis-sid jew sidien mhux maghrufa tas-sehem indiviz rimanenti ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikali bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada tal-Fugra imlaqqma bhala "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem ekwivalenti ghal 4,496m.k. konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street m'huwiex prezentement edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant, jirriserva illi jdahhal eccezzjonijiet urterjuri aktar 'il quddiem.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur *stante* illi l-hatra tieghu bhala kuratur deputat hija irritwali ghaliex hu fil-kwalita` tieghu premessa ma jistax jirrapprezenta persuni mhux maghrufa *stante* l-artikolu 929 tal-Kap 12 jistipula specifikament liema persuni identifikabbli jistghu jigu rappezentati mill-kuraturi deputati imma ma jistghux jigu rapprezentati persuni mhux maghrufa.

3. Illi *se mai* jekk l-eredi attwali tal-propjeta` *de quo* m'humiex identifikabbli l-artikolu 816 tal-Kodici Civili jidhol fis-sehh u l-wirt tieghu jaqa’ f’idejn il-Gvern u ghaldaqstant ikollu jigi kjamat in kawza l-Gvern ta’ Malta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Lulju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Simiana ghas-socjeta` attrici u Dr Joseph Ellis. Saret trattazzjoni ta’ Dr. Joseph Ellis fuq l-eccezzjonijiet minnu ssollevati, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Simiana ghandu jipprezenta nota ta’ referenza ta’ kawzi li gew mismugha u decizi kontra kuraturi ghal sidien mhux maghrufa, ghalkemm il-punt ma giex trattat specifikatament, u dan fi zmien hmistax-il jum (15) minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari fuq l-eccezzjonijiet sollevati ghad-9 ta’ Ottubru 2014.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 9 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghall-attur. Dr Joseph Ellis imsejjah tliet darbiet ma deherx. Inqrat sentenza *in parte* fejn gie deciz :

*“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti,* ***taqta’ u tiddeciedi****, billi fil-waqt li* ***tichad*** *it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza b'riserva li tipprovdi ulterjorment fil-kawza dwar il-pubblicita' li ghandha tinghata lir-rikors promotur.*

*L-ispejjez jigu determinati fis-sentenza finali."*

Il-Qorti ordnat li l-kawza tkompli fuq il-mertu, b'dan illi ordnat lis-socjeta' attrici li tippubblika r-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda ta' kuljum. Dr Simiana talab in-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jirrelata jekk l-art in kwistjoni hijiex komodament divizibbli u f' kaz affermattiv ihejji pjan ta' divizjoni, u fin-nuqqas li jkun hekk divizibbli, jaghmel stima 'ai fini' tal-licitazzjoni eventwali tal-proprjeta'.

Il-Qorti hatret lill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti ghal dan l-iskop, a spejjez provizorji tas-socjeta` attrici u halliet il-kawza ghar-rapport ghat-8 ta' Jannar 2015 fid-9:30a.m. Aktar tard deher Dr Joseph Ellis li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal; u rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghas-socjeta` attrici. Dr. Simiana irrimetta ruhu ghar-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti. Il-Qorti rat li l-kuratur ma pprezentax nota skont kif ordnat fl-ahhar verbal, ghaldaqstant iddikjarat il-provi maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Ottubru 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titlob il-qasma jew fin-nuqqas li l-immobbli mhuwiex komodament

divizibbli, il-bejgh b'licitazzjoni ta' ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496m.k., u li taghha l-istess rikorrenti hija sid ta' porzjoni *pro indiviso.*

Is-socjeta' rikorrenti esibiet zewg kuntratti notarili (**Dok A** u **DOK C** bi pjanti annessi, **DOK B** u **DOK D**) minn fejn jirrizulta li akkwistat, fl-assjem taghhom, kwota indiviza ekwivalenti ghal disghin punt tnax fil-mija (90.12%) mill-imsemmija ghalqa.

Din il-kawza giet istitwita kontra kuraturi nominati biex jirraprezentaw il-proprjetarji ta' porzjoni rimanenti li mhumiex maghrufa. B'Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta gew mahtura l-Avukat Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina. Illi minbarra l-ewwel l-ewwel eccezzjoni fejn il-kuratur jiddikjara li mhux edott mill-fatti tal-kaz , l-Avukat Ellis bhala kuratur *ad litem* eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. B'sentenza *in parte* taghha tad-9 ta' Ottubru 2014, gew michuda t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati. Bl-ewwel eccezzjoni l-kuraturi ppremettew li mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri izjed 'il quddiem.

**Kuntratti Esebiti**

Is-socjeta' attrici esebiet iz-zewg kuntratti li permezz taghhom akkwistat is-sehem komplessiv ta' 90.12% li qed tivvanta f'din il-kawza.

Bil-kuntratt in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion tal-5 ta' April 2005, xtrat mill-poter ta' Carmela Micallef il-kwota ta' 45.14% li kellha jew kwalunkwe sehem iehor indiviz u kwalsiasi drittijiet lilha spettanti mill-intier tal-ghalqa ta' circa erbat 4,496.m.k., kif deskritta fir-rikors promotur u kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu ta' hamsin centezmu (0.50c).[1]

B'kuntratt iehor fl-istess data ukoll in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion[2] xtrat mill-poter ta' David Micallef u John Borg Marks il-kwota taghhom ta' 44.98% jew kwalunkwe sehem iehor indiviz u kwalsiasi drittijiet lilhom spettanti mill-intier tal-ghalqa imsemmija u kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu ta' hamsin centezmu (0.50c).

Dawn il-kuntratti ma gewx ikkontestati. Anzi l-partijiet qablu fuq *survey* esebit mis-socjeta' attrici li ntuzat ukoll mill-Perit Tekniku biex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Inoltre ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kwoti mixtrija mis-socjeta' attrici.

**Nomina Perit Tekniku**

[1] **Dok.A.** a fol 7 tal-process.
[2] **Dok.B.** a fol.14 tal-process.

Din il-Qorti nnominat lill-Perit A & CE Joseph Ellul Vincenti sabiex jirrelata jekk l-art in kwistjoni hijiex komodament divizibbli u f'kaz affermattiv, ihejji pjan ta' divizjoni. Fin-nuqqas kien inkarigat biex jaghmel stima sabiex il-prezz jigi stabbilit ghall-eventwali licitazzjoni.[3]

Il-Peritipprezenta r-rapport tieghu fit-12 ta' Dicembru 2014. Mill-indagni li ghamel stabbilixxa l-ishma rispettivi tal-partijiet, kif ukoll ikkonkluda li l-art hija komodament divizibbli.

Mill-ezami tieghu osserva li l-art hija effetwata tajjeb minn skema ta' bini u hemm permessi biex wiehed jista' jibni tlett sulari kif ukoll *penthouse* u *semi-basement level.* L-art hija kollha fabrikabbli hlief dawk il-partijiet mehuda mill-Gvern ghall-formazzjoni ta' Toroq.

Mill-kuntratti esebiti ikkonstata li s-sehem tas-socjeta` attrici mill-art in mertu igib total ta' 90.12% indiviz u ghalhekk is-sehem appartenenti lill-kuraturi *nomine* huwa ta' 9.88%.

Illi l-partijiet qablu li l-kejl tal-ghalqa kellu jsir abbazi tas-*survey* sottomess mis-socjeta' attrici minn fejn jirrizulta li l-parti mill-art li hi fabbrikabbi hi tal-kejl ta' 1.891.5 m.k. Is-sehem tas-socjeta attrici huwa ta' 1,704.6 m.k. u tal-kuraturi *nomine* hu ta' 186.9.m.k.

[3] Digriet tad-9 ta' Ottubru 2014 a fol 64 tal-process.

Il-Perit iddelineja l-konfini tal-porzjonijiet li jirraprezentaw l-ishma rispettivi tal-partijiet fuq pjanta annessa mar-rapport tieghu immarkata **DOK JEV/2**. Il-Qorti qed taccetta u taddotta l-konkluzjonijiet tal-Perit u l-qasma minnu proposta salv li, bi zball, irrefera ghall-parti kkulurita bil-*blue* bhala dik li ghandha tigi assenjata lis-socjeta' attrici. Difatti mill-pjanta jidher car li bi zvisto ir-riferenza ghall-kulur ta' delinejazzjoni inqalbet. Hija dik il-parti kkulurita bil-*blue* li tmiss lill-kuraturi *nomine* (tal-kejl ta' 186.9.m.k) u l-parti kkulurita bl-ahmar hi l-parti li ghandha tmiss lis-socjeta' attrici (total kejl ta' 1704.6.mk). Dawn inghataw valur ta' €1363,680 ghas-sehem attrici, u €149,520 ghas-sehem tal-konvenuti *nomine*.

Ikkonsidrat li l-partijiet strahu fuq ir-rapport tekniku, u ghandu jinghad ukoll li  din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiskartah.

**Konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku li ser jigu addottati mill-Qorti**

Fid-dawl tal-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku, l-Qorti ser taddotta s-segwenti konkluzjoni:

1. Li l-art in mertu hija komodament divizibbli.
2. Is-sehem rispettivi tal-partijiet mill-art in kwistjoni huwa ta' 90.12% appartenenti lis-socjeta' attrici u 9.88% appartenenti lill-kuraturi *nomine*.

3. Il-valur rispettiv tal-ishma huwa ta' €1,363,680.00 ghas-sehem attrici, u €149,520 ghas-sehem tal-konvenuti *nomine*.

4. L-art ghandha tinqasam skont il-pjanta annessa mar-rapport tal-perit tekniku u mmarkata **DOK JEV/2** li ghandha tifforma parti integrali mill-konkluzjonijiet tal-Qorti, billi l-porzjonijiet ikkuluruti bl-ahmar jigu assenjati lis-socjeta' attrici u dik ikkulurita bil-blu tigi assenjata lill-konvenuti *nomine*.

5. Il-parti li ttiehdet ghall-formazzjoni tat-triq tibqa' komuni bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom u jekk ikun hemm xi hlas mill-Gvern jew terzi persuni, dan il-hlas ghandu jinqasam fil-proporzjon ta' 90.12:9.88.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjoni rimanenti tal-konvenuti *nomine* skont dan li gej:-

1 **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeciedi li l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, minn liema

porzjon art illum jghaddu Triq Liedna u Stocks Street, tappartjeni lill-kontendenti indivizament;

2 **Tilqa' t-tieni talba** u tistabbilixxi l-kwota appartenenti lil kull wiehed mill-kontendenti mill-ghalqa fis-sehem ta' disghin punt tnax fil-mija (90.12%) appartenenti lis-socjeta' attrici, u fis-sehem ta' disgha punt tmienja u tmenin fil-mija (9.88%) is-sehem appartenenti lill-kuraturi *nomine*;

3. **Tilqa' t-tielet talba** billi tiddeciedi u tiddikjara li l-ghalqa hija komodament divizibbli u ghalhekk ghandha tigi diviza bejn il-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom, u cioe`:

i. Il-valur rispettiv tal-ishma tal-kontendenti huwa ta' €1,363,680.00 ghas-sehem attrici, u €149,520 ghas-sehem tal-konvenuti *nomine*.

ii. L-art ghandha tinqasam skont il-pjanta annessa mar-rapport tal-perit tekniku u mmarkata **DOK JEV/2** li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, billi l-porzjonijiet ikkuluruti bl-ahmar jigu assenjati lis-socjeta' attrici u dik ikkulurita bil-blu tigi assenjata lill-konvenuti *nomine*.

iii. Il-parti li ttiehdet ghall-formazzjoni tat-triq tibqa' komuni bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom u jekk ikun hemm xi hlas mill-Gvern jew terzi persuni, dan il-hlas ghandu jinqasam fil-proporzjon ta' 90.12(ghas-socjeta' attrici) :9.88(ghall-konvenuti nomine).

4. **Tilqa' r-raba' talba** u tahtar lin-Nutar Dottor Rachel Busuttil sabiex tippubblika l-att ta' divizjoni opportun u lill-Dr Joseph Ellis bhala kuratur deputat sabiex jidher ghas-sidien mhux maghrufa fuq dak l-att, u tiffissa l-erbatx (14) ta' Jannar 2016 f'nofsinhar, fl-edificcju tal-Qorti ghall-pubblikazzjoni tal-istess att ta' divizjoni;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u s-sitt talbiet.

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom filwaqt li l-ispejjez tal-Kuraturi jithallsu skont il-ligi.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**